MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 897/1997/1

**SALIBA BROTHERS (PLUMBING AND ELECTRICAL FITTERS) LIMITED**

**vs**

**Dottor Joseph u Maria Carmela miżżewġin ŻAMMIT TABONA**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-22 ta' April, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija attriċi talbet li l-imħarrkin jiġu kundannati jħallsuha s-somma ta' Lm 3971.48 bħala bilanċ ta' prezz ta' xogħol u materjal ta' elettriku u *plumbing* supplit u eżegwit fuq talba tagħhom;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-13 ta' April, 1998, li biha l-imħarrkin miżżewġin Żammit Tabona laqgħu għat-talba attriċi billi qalu li ma kinux huma li ħatru lill-kumpannija attriċi biex tagħmel ix-xogħlijiet mitluba,

imma kumpannija kummerċjali bl-isem ta’ Sirdar Development Company Limited;

Rat is-sentenza preliminari tat-8 ta’ Frar, 1999[1], li biha ġiet miċħuda l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin, li ġew dikjarati leġittimi kuntraditturi tal-pretensjonijiet attriċi;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta’ Diċembru, 2000[2], li biha ikkonfermat is-sentenza tat-8 ta’ Frar, 1999, u ċaħdet l-appell imressaq mill-imħarrkin miżżewġin Żammit Tabona dwar l-eċċezzjoni preliminari tagħhom;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-26 ta’ Marzu, 2001, li bih u fuq talba magħmula b’rikors imressaq mill-imħarrkin fl-20 ta’ Marzu, 2001, ħalliet li jitressqu Eċċezzjonijiet ulterjuri, u dan fis-sens li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar skond l-artikolu 2148(a) tal-Kodiċi Ċivili u dik tas-sentejn skond l-artikolu 2149(a) tal-istess Kodiċi;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri mressqa fis-16 ta’ April, 2001[3];

Rat il-provi mressqin mill-partijiet kemm permezz ta’ affidavit u dokumenti u kif ukoll *viva voce* quddiem il-Qorti, dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta’ April, 2004, li bih u fuq talba tal-avukati tal-partijiet, ordnat li t-trattazzjoni tal-għeluq dwar l-imsemmija eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ssir permezz ta’ noti ta’ osservazzjonijiet;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fid-9 ta’ Ġunju, 2004[4];

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fis-27 ta’ Lulju, 2004[5];

---

[1] Paġġ. 81-5 tal-proċess
[2] Paġġ. 112-6 tal-proċess
[3] Paġ. 123 tal-proċess
[4] Paġġ. 261-6 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Settembru, 2004, li bih u fuq talba magħmula mill-imħarrkin b'rikors tagħhom tas-16 ta' Settembru, 2004, ċaħdet it-talba tagħhom biex jitħallew iressqu Nota ta' replika għas-sottomissjonijiet tal-kumpannija attriċi;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tal-14 ta' Diċembru, 2004, tal-25 ta' Mejju, 2005, u tas-27 ta' Ottubru, 2005, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ħlas ta' xogħol imwettaq f'appalt. Il-kumpannija attriċi tqabbdet mill-imħarrkin biex tagħmel xogħol ta' stallazzjoni ta' sistema ta' dawl elettriku u ilma u xogħlijiet oħrajn f'għadd ta' appartamenti f'Tas-Sliema. Il-kumpannija attriċi tgħid li għad fadlilha titħallas xi bilanċ mix-xogħol li hija kienet laħqet wettqet qabel waqfet mix-xogħol fl-imsemmija appartamenti;

Illi l-imħarrkin qegħdin jgħidu li l-kumpannija attriċi tilfet il-jedd li tressaq it-talbiet tagħha b'kawża għaliex kienu laħqu għaddew aktar minn sentejn minn mindu l-azzjoni messha nbdiet. Qegħdin jirreferu għal żewġ żminijiet ta' preskrizzjoni – wieħed ta' tmintax-il xahar u l-ieħor ta' sentejn;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar din l-eċċezzjoni ulterjuri;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-kumpannija attriċi kienet għamlet xogħol f'żewġ korpi ta' appartamenti u dan matul medda ta' xhur li bdiet fl-1993. Matul iż-żmien li kienu għaddejjin ix-xogħlijiet, kien sar

[5] Paġġ. 275-291 tal-proċess

ħlas akkont[6]. Wara dan, kien hemm żmien meta l-imħarrek kien qed jiġri wara l-kumpannija attriċi biex tfittex ittemm ix-xogħol mogħti lilha. F'Mejju tal-1995, kien inqala' inċident li fih l-imħarrek Dottor Żammit Tabona u martu kienu ġew aggrediti f'darhom, u minn dak inhar 'il quddiem il-kumpannija attriċi ma komplietx taħdem aktar fuq l-appalt mogħti. L-imħarrkin kienu qabbdu lil terzi biex ikomplu x-xogħol mhux mitmum;

Illi l-kumpannija attriċi ressqet il-pretensjonijiet tagħha kontra l-imħarrkin permezz ta' att ġudizzjarju fit-22 ta' Ottubru, 1996. Il-kawża nfetħet fit-22 ta' April, 1997;

Illi għar-rigward tal-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-eċċezzjoni jidher xieraq li jingħad minnufih li t-talba tal-kumpannija attriċi toħroġ minn rabta kuntrattwali bejnha u l-imħarrkin. Din ir-rabta hija l-kuntratt tal-appalt. L-imħarrkin, madankollu, jqisu li x-xogħol mogħti lill-kumpannija attriċi kien ta' żewġ għamliet: l-appalt veru u proprju fil-bini l-ġdid, u xogħlijiet ta' manutenzjoni u tisbiħ f'bini qadim. Huwa għal din ir-raġuni li huma jindikaw żewġ żminijiet differenti ta' preskrizzjoni fl-eċċezzjoni ulterjuri tagħhom;

Illi jibda biex jingħad li f'kull każ li tittella' eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, huwa meħtieġ li fl-ewwel xogħol jiġi determinat minn mindu l-preskrizzjoni tal-azzjoni għandha tibda titqies[7]. Huwa dmir tal-Qorti li tqis dan il-fatt kruċjali, għaliex meta tali data mill-provi mressqa ma tistax titqies, il-Qorti trid awtomatikament tiċħad l-eċċezzjoni[8];

Illi fil-każ preżenti, ma ġiex indikat li l-ħatra mogħtija lill-kumpannija attriċi ngħatat f'xi jum partikolari. Lanqas ma ntwera li kien sar xi ftehim bil-miktub dwar ix-xogħlijiet li kellhom isiru jew minn meta kellhom jinbdew. Il-fatt huwa li x-xogħlijiet kellhom isiru f'aktar minn post wieħed u tul medda ta'ċertu żmien;

---

[6] Dokument f'paġ. 17 tal-proċess
[7] Art. 2137 tal-Kap 16
[8] Ara App. Ċiv. **5.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Quintano vs Calleja et.*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.269**)

Illi hija regola ewlenija fil-proċedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eċċezzjoni, u għalkemm il-parti attriċi tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mħarrka billi tmieri li għadda ż-żmien jew billi ġġib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiża jew interrotta, il-piż jaqa' prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni[9]. Hi l-parti mħarrka li trid tipprova li l-parti attriċi għaddhielha ż-żmien utli biex tressaq il-kawża, u dan minn żmien minn meta dik il-kawża setgħet titressaq[10];

Illi ngħad ukoll li ż-żmien tal-preskrizzjoni jrid jitqies b'riferenza għall-azzjoni kif imfassla[11]. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, jidher ċar li l-kumpannija attriċi ssejjes l-azzjoni tagħha fuq l-eżistenza tal-kuntratt tal-appalt, u għalhekk jingħad li l-preskrizzjoni eċċepita mill-imħarrkin taħt l-artikolu 2148(a) tal-Kodiċi Ċivili għandha tiġi mistħarrġa fid-dawl tal-azzjoni kif mibnija. Dan ikun ifisser ukoll li jekk l-appalt allegat kien wieħed li l-verifika tiegħu ssir malli jsir l-aħħar kejl, l-eżerċizzju kollu jitqies bħala ħaġa waħda[12] u mhux bħala għadd ta' ħatriet;

Illi ngħad li l-preskrizzjoni dwar appalt tapplika għall-każijiet fejn persuna twettaq ħidma spekulattiva li r-riskju tagħha jibqa' fil-persuna li tagħmel ix-xogħol sakemm issir il-kunsinna[13], u għalhekk biex preskrizzjoni tista' tirnexxi fuq dak l-artikolu jrid jintwera li bejn il-partijiet kien hemm kuntratt ta' appalt[14], u mhux sempliċi kuntratt ta' bejgħ ta' biċċa xogħol[15];

Illi b'mod partikolari ġie stabilit ukoll li, dwar azzjoni fejn persuna tfittex għall-ħlas ta' xogħol li tkun wettqet għal stallazzjoni ta' servizz f'post ma japplikax l-artikolu

---

[9] App. Kumm **15.6.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Vella*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.603**)

[10] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Guido Vella vs Emanuel Ċefai*** (mhix pubblikata)

[11] App. Ċiv. **24.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Testaferrata Boniċi*** (Kollez. Vol: **XLII.i.153**) u Kumm. **29.11.1971** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Calleja vs Anthony Portelli noe*** (Mhix pubblikata)

[12] Art 1637 tal-Kap 16

[13] Kumm. **14.10.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Mizzi noe vs Delicata pro et noe*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.iii.710**)

[14] Kumm GOR **19.11.1974** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Giovanni Bonello noe vs AIC Joseph Xuereb et noe*** (Mhix pubblikata)

[15] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Formosa vs Salvu Debono*** (mhix pubblikata)

2148(a) tal-Kodiċi Ċivili[16], li jirreferi għall każijiet ta' xogħol imwettaq bl-imnut[17]. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, żgur li ma jistax jingħad li dan tal-aħħar kien l-arranġament milħuq bejn il-partijiet. Lanqas ma hija konvinta li x-xogħol mogħti lill-kumpannija attriċi jista' jinqasam f'kategoriji distinti u miftuma minn xulxin, kif iridu l-imħarrkin. Din id-distinzjoni ma toħroġ bl-ebda mod mill-massa qawwija ta' provi mressqin mill-partijiet, u lanqas hija riflessa fil-fehma maqbula taż-żewġ partijiet;

Illi, kif ingħad iżjed 'il fuq, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni trid tingħata tifsira restrittiva, u għalhekk jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-applikabilita' taż-żmien preskrittiv minn dak li jirriżulta mill-atti, tali dubju għandu jmur kontra l-eċċipjent. Dan ma jfisser bl-ebda mod li l-attur huwa meħlus milli jressaq provi konvinċenti fl-istadju tal-provi fil-mertu, biex isejjes l-allegazzjonijiet tiegħu;

Illi l-imħarrkin qegħdin ukoll jinvokaw favur tagħhom waħda oħra mill-preskrizzjonijiet "il-qosra", u partikolarment dik tas-sentejn maħsuba taħt l-artikolu 2149(a) tal-Kodiċi. Biex twarrab din l-eċċezzjoni, il-kumpannija attriċi tgħid li l-arranġament bejnha u l-imħarrkin kien wieħed ta' kont kurrenti kif preskritt fil-Kodiċi tal-Kummerċ[18]. B'dan il-mod, hija tgħid li ż-żmien tal-preskrizzjoni jibda jgħaddi mal-għoti tal-aħħar servizz. Minbarra dan, tgħid li fil-każ li tassew kien hemm arranġament ta' kont kurrenti bejn il-partijiet, iż-żmien tal-preskrizzjoni m'huwiex dak indikat mill-eċċipjenti, iżda ż-żmien ta' ħames snin. Il-kumpannija attriċi donnha taċċetta[19] li l-artikolu invokat mill-imħarrkin kien jgħodd kieku r-rabta bejn il-partijiet kienet waħda ta' "appalt solitarju";

Illi l-Qorti ma taqbilx li l-arranġament li kien hemm bejn il-kumpannija attriċi u l-imħarrkin kien wieħed ta' kont kurrenti, u dan għaliex ir-rejalta' tar-rabta kuntrattwali li kien hemm bejniethom u li toħroġ mill-provi fl-atti tindika

[16] Ara Kumm. GS **15.4.1975** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Aġius noe vs Norman Spiteri noe et*** (mhix pubblikata)
[17] App. Ċiv. **18.2.1963** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat vs Tabone*** (Kollez. Vol: **XLVII.i.102**)
[18] Artt. 264 sa 272 tal-Kap 13
[19] Par 4 tan-Nota tal-Osservazzjonijiet tagħha, f'paġ. 278 tal-proċess

mod ieħor. Minbarra dan, ukoll kieku wieħed kellu jasal biex jgħid li r-rabta kienet kif qegħda tgħid il-kumpannija attriċi, ma jridx jintesa li l-liġi nnifisha torbot li ftehim ta' kont kurrenti jingħalaq kull sena[20]. Għall-kuntrarju, il-Qorti hija tal-fehma li dwar l-arranġament ta' bejn il-partijiet japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi li jitkellmu dwar fornituri li jissoktaw[21]. Tqis ukoll li ż-żmien ta' preskrizzjoni li jgħodd għaċ-ċirkostanzi tar-rabtiet bejn il-partjiet hija sewwasew dik maħsuba fl-artikolu 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk, iż-żmien stabilit fil-preskrizzjonijiet "il-qosra" jgħaddu xorta waħda;

Illi minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 2111 tal-Kap 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni speċifika mressqa mill-imħarrek u ma tistax minn rajha tqis li jeżisti terminu preskrittiv ieħor (ukoll jekk dan jeżisti), għaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qegħda tindaħal u "*tissupplixxi għall-parti eċċipjenti f'materja odjuża li fiha ma tistax tieħu inizzjattiva*"[22];

Illi meta qieset il-fatti kollha riżultanti, il-Qorti tasal għall-fehma li ma ntweriex b'mod ċar biżżejjed li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tas-sentejn. Dan jingħad għaliex bejn id-data meta nħareġ il-ħlas akkont ta' Lm 800 f'Diċembru, 1993, u d-data meta saret l-ewwel ittra uffiċjali f'Ottubru tal-1996, ma jistax jiġi kategorikament eskluż li l-attriċi ma laħqet wettqet l-ebda xogħol ieħor għall-benefiċċju tal-imħarrkin u kif minnhom mitlub. L-imħarrek jagħmel enfasi kbira fuq il-fatt li, sa April tal-1994, l-aperturi tal-blokka tal-bini l-ġdida kienu twaħħlu fil-post u li, minn dak inhar 'il quddiem, kellu ċ-ċavetta tal-post. Bis-saħħa ta' dan, jgħid li ma setax ikun li l-kumpannija attriċi wettqet xogħol ieħor jekk mhux billi jipprovdilha hu l-aċċess għall-post. Huwa jiċħad li dan l-aċċess qatt ingħata wara Mejju tal-1995. Iżda l-Qorti tqis li ma ġie bl-ebda mod muri li l-ħlas akkont magħmul mill-imħarrek f'Diċembru tal-1993, kien għas-saldu ta' kull xogħol li sar jew li kien appaltat. Huwa probabbli li kien ikopri ħlas ta' kull xogħol li kien sar sa dak inhar jew sad-data tal-fattura

---

[20] Art. 271 tal-Kap 13

[21] Art. 2151(1) tal-Kap 16

[22] App. Ċiv. **11.5.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Cali vs Galea*** (Kollez. Vol: **XL.i.166**)

li ħarġet u li bis-saħħa tagħha nħareġ dak il-ħlas. Madankollu, dak il-ħlas la jixhed minnu nnifsu li ma sar l-ebda xogħol ieħor u lanqas li ma setax isir xogħol ieħor minn dak appaltat min-naħa tal-kumpannija attriċi wara dak inhar. Dan qiegħed jingħad ukoll għaliex il-kumpannija attriċi kienet tqabbdet tagħmel xogħlijiet f'aktar minn post wieħed u għaliex, intwera minn provi,li l-imħarrek kien baqa' joħroġ ħlasijiet sa Diċembru tal-1994[23];

Illi fid-dawl tar-regola li, fejn tidħol il-kwestjoni tal-preskrizzjoni, kull dubju għandu jmur kontra l-eċċipjenti, il-Qorti tasal biex tqis li l-eċċezzjoni nulterjuri m'għandhiex tintlaqa'

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri** tal-imħarrkin dwar il-preskrizzjoni, bl-ispejjeż kontra tagħhom; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi fil-mertu tal-partijiet.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[23] Dok "JZT3", f'paġ. 272 tal-proċess